



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' Diċembru 2015 – Air Canada vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-9/11)

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tat-trasport ta' merkanzija bl-ajru — Ftehimiet u prattiki miftiehma fuq diversi elementi tal-prezzijiet tas-servizzi tat-trasport ta' merkanzija bl-ajru (stabbiliment ta' sovrataxxi fuq il-karburant u ta' sovrataxxi fuq is-sigurtà, rifjut ta' ħlas ta' kummissjoni fuq is-sovrataxxi) — Artikolu 101 TFUE, Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità u l-Isvizzera dwar it-trasport bl-ajru — Obbligu ta' motivazzjoni”

1. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Deċiżjoni li jiġu applikati r-regoli tal-kompetizzjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur u li timponi multa — Rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Ċarezza u preċiżjoni tad-dispożittiv tad-deċiżjoni (Artikoli 101(1) u 296 TFUE; Ftehim ŻEE, Artikolu 53; Ftehim KE-Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, Artikolu 8; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikoli 2 u 23(5)) (ara l-punti 31-35)*
2. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur — Identifikazzjoni tal-ksur issanzjonat — Identifikazzjoni tal-persuni li jkunu s-suġġett tad-deċiżjoni — Prijorità tad-dispożittiv fil-konfront tal-motivazzjoni (Artikoli 101(1) u 296 TFUE; Ftehim ŻEE, Artikolu 53; Ftehim KE-Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, Artikolu 8; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 2) (ara l-punt 36)*
3. *Akkordji — Projbizzjoni — Effett dirett — Dritt tal-individwi li jitolbu kumpens għad-dannu mġarrab — Modalitajiet ta' eżerċizzju — Ksur li jkun is-suġġett tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni — Natura vinkolanti tad-deċiżjoni għall-grati nazzjonali — Portata — Importanza taċ-ċarezza u tal-preċiżjoni tad-dispożittiv tad-deċiżjoni (Artikoli 101(1) u 296 TFUE; Ftehim ŻEE, Artikolu 53; Ftehim KE-Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, Artikolu 8; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikoli 2 u 16(1)) (ara l-punti 37-43)*
4. *Akkordji — Ftehimiet u prattiki miftiehma li jikkostitwixxu ksur uniku — Impriżi li jistgħu jinstabu fi ksur li jikkonsisti fil-parteċipazzjoni f'akkordju globali — Kriterji — Għan uniku u pjan globali (Artikolu 101(1) TFUE; Ftehim ŻEE, Artikolu 53; Ftehim KE-Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, Artikolu 8; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 2) (ara l-punti 57, 62)*

5. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Deċiżjoni li jiġu applikati r-regoli tal-kompetizzjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur u li timponi multa — Kontradizzjonijiet interni fid-deċiżjoni — Konsegwenzi — Annullament — Kundizzjonijiet — Ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-impriża ssanzjonata — Impossibbiltà għall-qorti tal-Unjoni li teżerċita l-istħarriġ tagħha (Artikoli 101(1) u 296 TFUE; Ftehim ŻEE, Artikolu 53; Ftehim KE-Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, Artikolu 8; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 2) (ara l-punti 60, 76-78, 84, 85)*
6. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Deċiżjoni li jiġu applikati r-regoli tal-kompetizzjoni — Regularizzazzjoni ta' nuqqas ta' motivazzjoni fil-mori tal-kawża — Inammissibbiltà (Artikoli 101(1) u 296 TFUE; Ftehim ŻEE, Artikolu 53; Ftehim KE-Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, Artikolu 8; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 2) (ara l-punti 82, 83)*
7. *Rikors għal annullament — Kompetenza tal-qorti tal-Unjoni — Talbiet intiżi li tinkiseb ordni indirizzata lill-istituzzjoni — Inammissibbiltà (Artikoli 263 u 266 TFUE) (ara l-punt 88)*

## Suġġett

Talba intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 7694 finali, tad-9 ta' Novembru 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ COMP/39258 - Trasport ta' merkanzija bl-ajru), sa fejn issemmi lir-rikorrenti, u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq din tal-aħħar.

## Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 7694, tad-9 ta' Novembru 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ COMP/39258 - Trasport ta' merkanzija bl-ajru), hija annullata sa fejn issemmi lil Air Canada.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbatli kemm l-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti minn Air Canada.